MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 51

29 ta' Mejju 2023

Minuti tas-seduta Nru. 50 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 29 ta' Mejju 2023 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti fiżikament, minbarra M. Abela, li għarraf illi ma setax jattendi permezz ta' imejl datat 29 ta' Mejju 2023, minħabba raġunijiet ta' xogħol.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-Seduti Nru. 50 tal-24 ta' April 2023, ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minutes List (gov.mt).

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Kors fir-restawr tal-affreski (S/6/Vol VII)

2.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-minuta 5.3.1. tas-seduta ta' qabel u qal li minn kuntatti li saru mal-Art Club 2000, il-prezz tal-kors huwa ta' €1,500. Huwa qal ukoll li saret riċerkadwar l-akkademja li torganizza l-imsemmija korsijiet.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kkonferma d-deċiżjoni li ttieħdet fit-seduta preċedenti.

### 2.2.1. Installazzjoni ta' sistemi CCTV (C/9)

2.2.2. Mistoqsi dwar il-progress li kien ġie reġistrat dwar il-proġett, is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li s-sistema ta' Triq Ġorġ Borg Olivier kienet soġġetta għall-għoti tas-servizzi tal-internet u l-provista tal-elettriku, li saret applikazzjoni għalihom minn naħa tal-Kunsill. Dwar Triq Ta' Fuq il-Migduma, l-GO plc kellhom jgħaddu *modem* addattat peress li hemmhekk is-sistema hija sostunuta permezz tal-pannelli photovoltaiċi. Huwa għarraf ukoll li fir-rigward tal-Park tal-Familja u Ġnien Dun Anton Debono, ġie mtejjeb is-servizz tal-Melita.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.3.1. Skambju ta' żjarat li jinvolvu tfal permezz tal-ġemellaġġ Mellieħa-Cavriglia (K/1/5/3/Vol II)**

2.3.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.4 tas-seduta preċedenti u staqsiet dwar l-eżitu' tal-kuntatti li kien hemm mal-Mellieħa Sports Club dwar involviment finanzjarju mill-klabb fiż-żjara li ser issir mit-tfal ta' Cavriglia fil-Mellieħa.

2.3.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li saret laqgħa ma' delegazzjoni mill-klabb fit-28 ta' April 2023, iżda l-punti mqajma fiha kellhom jiġi diskussi mill-kumitat u kellhom jiġu lura bid-deċiżjoni.

2.3.4. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

2.3.5. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-Comune di Cavriglia kkonferma li ż-żjara tat-tfal fil-Mellieħa ser isseħħ bejn is-27 ta' Awwissu u t-3 ta' Settembru 2023.

2.3.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.4.1. Ħarġiet kulturali (A/5/5/Vol VII)**

2.4.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li fl-24 ta' Mejju 2023 saret ħarġa għall-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta, fejn kien hemm esibiti l-arazzi li fil-passat kienu jintramaw f'okkażjonijiet speċjali. Hija qalet li kien hemm konkorrenza qawwija tant, li kellhom jsiru żewġ gruppi. Hija qalet li s-somma netta mħallsa mill-Kunsill kienet tammonta għall-€1,383 li kienet tinkludi, it-trasport, il-gwida, eċċ.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1. Kontroll tat-traffiku fi Triq il-Marfa fl-Għadira (T/3/3/Vol IV)**

2.5.2. Il-Kunsilliera G. Micallef irrefera għall-minuta 5.11.1. tas-seduta ta' qabel u tenna li għandha ssir laqgħa ma' Transport Malta bil-għan li jiġu diskussi soluzzjonijiet li jnaqqsu l-konġestjoni tat-traffiku li qed tiżvolġi għal min ikun sejjer fid-direzzjoni tan-nofsinhar.

2.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li konġestjoni ma' tistax tiġi mgħeluba bl-istazzjonar ta' uffiċjali u lanqas ma għandha tiddependi fuq il-preżenza tagħhom. Ittieħed in konsiderazzjoni li s-sitwazzjoni tista' titjieb bit-tneħħija tal-makkinarju tal-kuntratturi li attwalment għadhom qed jaħdmu fuqha. Kien hemm qbil ukoll li sakemm isir dan, għandha ssir talba lil Transport Malta sabiex ikun hemm uffiċjali tagħha fuq il-post, partikularment fil-Ħdud.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

**3.1.1. Asfaltar ta' Triq it-Tabib Joseph Grech Attard (T/4/7/Vol III)**

3.1.2. Il-Kunsillier G. Micallef staqsa dwar jekk sarx kuntatt ma' Infrastructure Malta dwar it-triq imsemmija. Huwa staqsa wkoll jekk jistax isir qtugħ ta' ħaxix fl-istess triq u tiġi rranġata r-rampa minn naħa ta' Triq Salvu Camilleri.

3.1.3. Is-Sindku D. Vella wieġeb li ser issir laqgħa mal-Kap Eżekuttiv tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fil-31 ta' Mejju 2023. Huwa qal ukoll li ta struzzjonijiet lill-kuntrattur konċernat sabiex jinqata' il-ħaxix li kiber fit-triq imsemmija.

3.1.4. Ittieħdet nota dwar l-irranġar tar-rampa msemmija.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Skeda ta' Xiri Meħtieġ – 25/05/23;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 04/04/23 – 22/05/23;

- Skeda ta' Pagamenti – 22/04/23 – 25/05/23;
- Stqarrija għall-Istampa – Żvilupp konfinanti bejn Triq Ħalq iċ-Ċawl/Triq il-Fortizza/Triq l-Iżbark tal-Franċiżi/Triq Ta' Fuq l-Migduma;
- Rendikont Finanzjarju – Jannar / Marzu 2023;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

## 5.1.1. Ipparkjar ta' vetturi sejrin lejn Għawdex (T/3/3/Vol V)

5.1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna li waslulu lmenti li qed meta jkun hemm volum konsiderevoli ta' vetturi li jitilgħu Għawdex, uffiċjali ta' Transport Malta qed iġielgħu lis-sewwieqa kollha jistennew fi Triq Wied Musa, mingħajr ma jqisu li jkun hemm minn ikun sejjer lejn il-Marfa jew jieqaf iċ-Ċirkewwa.

5.1.3. Il-Kunsillieri K. Buttigieg u R. Bartolo Cutajar kkummentaw li sa fejn kienu nfurmati, l-uffiċjali qed jagħmlu distinzjoni bejn minn ikun sejjer lejn Għawdex u dawk li ser jibqgħu Malta.

## 5.2.1. Tilwima dwar l-installazzjoni ta' *bus shelters* (B/6/Vol V)

5.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għal ċirkulari AKL 2023/041 tas-17 ta' Mejju 2023, fejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali talbet mandat mingħand il-Kunsilli Lokali sabiex tiffirma ftehim li ntlaħaq bejn Transport Malta, il-Faces Consultants Ltd u 356 Holdings Ltd illi jipprovdi li:

- L-Awtorita' tat-Trasport tagħraf li r-responsabbilta tal-*Bus Shelters* hija tal-Kunsilli Lokali;

- Il-*Bus Shelters* li ġew installi minn 356 Holdings Ltd ser jaqgħu taħt ir-responsabbilta tagħhom anki għal fini ta' manutenzjoni u tindif;

- Fil-lokalitajiet fejn hemm *Bus Shelters* li ġew installati minn 356 Holdings Ltd qed jaċċettaw u japprovaw dawn l-istess *Bus Shelters*;

- 356 Holdings Ltd qed jaċċettaw li jinħallu mill-kuntratt li għandhom ma' Transport Malta u allura ma jibqgħux jinstallaw *Bus Shelters*;

- Faces Consultants Ltd ser ikomplu bl-installazzjoni tal-*Bus Shelters* kollha li għalihom issir talba għalihom mal-iffirmar tal-ftehim relattiv, u jagħmlu l-manutenzjoni kollha li tkun meħtieġa;

- Transport Malta qed tagħraf li tikkomunika mall-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kull darba li jkun meħtieg dwar is-suġġett; u

- Jaqgħu il-kawżi li hemm bejn il-partijiet kollha u l-Kunsilli Lokali.

5.2.3. Il-Kunsill approva l-iffirmar tal-mandat mitlub.

## 5.3.1. PA 5909/17 – Żvilupp ta' art konfinanti minn Triq Ħalq iċ-Ċawl; Triq il-Fortizza; Triq l-Iżbark tal-Franċiżi; u Triq Ta' Fuq il-Migduma (P/5/8/Z)

5.3.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-Appell Nru. 40/2022, li sar mill-Kunsill rigward id-deċiżjoni li ngħatat mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Il-Qorti tal-Appell laqgħat l-appell tal-Kunsill fis-sens li irrevokat id-deċizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-28 ta' Gunju 2022, billi rriżulta li l-izvilupp ta' lukanda

bl-amenitajiet marbuta magħha jmorru kontra l-Pjan Lokali, filwaqt li kkonfermat li l-bqija tal-izvilupp approvat kien konformi mal-istess pjan. Għaldaqstant il-permess maħruġ rigward PA 5909/19 ġie rrevokat fir-rigward tal-aspetti relatati mal-lukanda.

5.3.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ikkummenta li din is-sentenza kienet waħda sinifikanti għar-raġuni ser iżżomm il-potenzjal ta' estensjonijiet tal-lukanda aktar 'il quddiem, kif ukoll li ma tatix lok għal żvilupp simili fl-istess żona. Huwa talab li l-istqarrija għall-istampa li nħarġet mill-Kunsill fil-11 ta' Mejju 2023 dwar is-sentenza tal-Qorti tal-Appell, tiġi mehmuża ma' dawn il-minuti.

5.3.4. Il-Kunsillier E. Bartolo, staqsa dwar jekk l-eżitu' tal-kawża jfisserx illi l-sulari li nbnew fuq il-premessa ta' lukanda, humiex ser jitwaqqgħu. Staqsa wkoll x'ser jiġri mill-faċilitajiet abbinati magħha. Huwa qal li l-iżviluppatur aġixxa abbażi tal-permess li ħarġet l-Awtorità tal-Ippjanar u għalhekk il-mistoqsija għandha ssir lilha.

5.3.5. Il-Kunsillier J. Gauci qal li kemm-il darba s-sulari żejda ser jinżammu, il-kwistjoni għandha tiġi eskalata f'Qorti aktar superjuri.

5.3.6. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill osserva li s-sentenza ma għamlet ebda referenza għat-twaqqiegħ tas-sulari ntiżi għal-lukanda, u kien hemm qbil li għandu jittieħed il-parir tal-perit u l-avukat li qed jassistu fl-iżviluppi li jiżvolġu aktar 'il quddiem.

**5.4.1. Arranġamenti tat-traffiku fi Triq Ta' Fuq il-Miġduma, Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, Triq Ħalq iċ-Ċawl u Triq il-Fortizza.** **(T/3/2/Vol XVI)**

5.4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal imejl datat 14 ta' April 2023, fejn l-iżviluppaturi tal-blokka Townsend aċċennaw għall-obbligi tagħhom skont il-permess PA 5909/17 sabiex jagħmlu tibdil fl-immaniggjar tat-traffiku fit-toroq imsemmija li jinkludi:

(a) bini ta' bankini;
(b) *zebra crossing* fi Triq Ta' Fuq il-Migduma;
(c) parkeġġ riżervat għall-*coaches* fi Triq Ta' Fuq il-Migduma;
(d) Spustjar ta' *parking bays* fi Triq Ħalq iċ-Ċawl għal fuq in-naħa tal-binja Townend; u
(e) Qed jitolbu wkoll li l-Kunsill jgħarraf b'dan l-arrangmenti lir-residenti.

5.4.3. Il-Kunsill innota l-l-arranġamenti msemmija diġa ġew implimentati fuq il-post. Filwaqt li ma sabx qabel mal-proposti (a), (b), (d) u (e), oġġezzjoni għaċ-(ċ) billi l-binja li magħha abbinata din il-faċilità ma tinkludix lukanda.

**5.5.1. PA 8445/21 - *Lift* panoramiku bejn Triq l-Inkurunazzjoni u l-Belveder tas-Sur (F/1/7/Vol V)(P/8/4).**

5.6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għal ittra datata 10 ta' Mejju 2023 mibgħuta mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar ir-rifjut tal-talba msemmija, abbażi tal-oġġezzjonijiet imqajma mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali minħabba l-impatt li tħalli l-istruttura minħabba li tgħatti l-blat, u tinsab viċin is-Santwarju. Dan minkejja li nbidlu l-pjanti fis-sens li kien propost li l-istruttura titgħatta permezz ta' *cladding* biċ-ċangatura tal-qawwi.

5.6.3. Il-Kunsill qabel li din id-deċiżjoni għandha tiġi appellata.

**5.7.1. PA 6403/21 - Centru ta' salvatagg tar-Red Cross fl-inhawi tat-Trunċiera ta' Qassisu** **(P/5/8/G)**

5.7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal imejl datat 24 ta' Mejju 2023, mibgħut mir-Red Cross, fejn intqal li l-Awtorità tal-Ippjanar ħarġitilhom permess sabiex ikollhom bażi marittima fl-inħawi msemmija. Qalu wkoll li l-intenzjoni tagħhom hija li jikkonservaw iż-żona u jixtiequ li ma jħallux vetturi, u għaldaqstant qed jipproponu li jitwaħħlu tabelli li jaqraw:

*"No Vehicles Beyond This Point – Your are Welcome to Walk Through"*

Apparti dan talbu sabiex iwaħħlu xatba eżatt qabel it-triq li tagħti għall-moll biex timblokka l-vetturi milli jinżlu.

5.7.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li f'dan il-post diġa sar sfreġu bil-formazzjoni ta' triq permezz tat-terrapien qabel is-sajf tal-2022. Huwa oġġezzjona għat-twaħħil ta' xatba.

5.7.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini staqsiet dwar jekk hemmx il-permess tal-Awtorità tal-Artijiet biex area tingħalaq.

5.7.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li dawn l-arranġamenti kellhom ikunu parti mill-applikazzjoni li saret mal-Awtorità tal-Ippjanar, li l-ipproċessar tagħha jinvolvi konsultazzjoni ma' entitajiet regolatorji oħra bħal l-Awtorità dwar ir-Riżorsi u l-Ambjent, l-Awtorità tal-Artijiet, fost oħrajn.

### 5.8.1. *Speed humps* quddiem il-*boathouses* fix-Xatt ta' Santa Marija (T/3/2/Vol XVI)

5.8.2. Saret referenza għal imejl datat 29 ta' April 2023 dwar talba sabiex isiru *speed humps* quddiem il-*boathouses* ta' Sezzjoni F, fix-Xatt ta' Santa Marija.

5.8.3. Il-Kunsill innota li t-triq in kwistjoni mhijiex skemata u fil-fatt tapparjeni lill-privat.

### 5.9.1. Xogħlijiet ta' manutenzjoni fit-Telgħa tax-Xemxija (T/4/4/Vol II)

5.9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal imejl datat 24 ta' Mejju 2023, fejn Infrastructure Malta għarrfu li bejn it-12 u s-16 ta' Ġunju 2023 ser ikun għaddej xogħol ta' manutenzjoni fit-Telgħa tax-Xemxija. Inizjalment se tkun magħluqa nofsha bejn id-9:30 pm u l-5:00 am, biex isir *scarifying* tal-wiċċ, u meta jingħata l-wiċċ ser tkun magħluqa bejn il-11.00 pm u l-5:00 am. Sabiex isiru s-sinjali ser tingħalaq nofsha bejn id-9.30 pm u l-5:00 am.

5.9.3. Il-Kunsill kien tal-opinjoni li għalkemm ix-xogħol huwa ppjanat li jitwettaq fil-perjodu tas-sajf, il-ħinijiet indikati huma idejali sabiex jikkawżaw l-inqas konġestjoni possibbli, sakemm ix-xogħlijiet tal-Korporazzjoni tal-Ilma fit-triq tal-Miżieb ikunu sospiżi, u din tkun miftuħa għat-traffiku, b'effett mis-16 ta' Ġunju 2023.

5.9.4. Il-Kunsill innota li l-parti tal-istess triq bejn il-pont tal-Mistra u *roundabout* tax-Xemxija teħtieġ manutenzjoni wkoll u għalhekk għandha tiġi trattata mal-istess xogħlijiet.

### 5.10.1. Allinjament ta' bankina fi Triq Dun Franġisk Sciberras k/m Triq Dun Mose' Debono (P/5/8/E)

5.10.2. Saret referenza għal imejl datat 26 ta' Mejju 2023, fejn l-iżviluppatur ta' binja li tinsab fil-kantuniera msemmija (PA 8952/18) ippropona li l-bankina fuq in-naħa ta' Triq Dun Franġisk Sciberras toħroġ sa madwar 5 metri mil-linja tal-bini.

5.10.3. Ġie osserva li qabel sar l-iżvilupp in kwistjoni, il-linja tat-triq kienet skont kif qed jintalab fil-pjanta mgħoddija. Minkejja dan, il-Kunsill kien tal-fehma li l-bankini fuq iż-żewġ naħat tal-binja għandhom jibqgħu jduru bl-istess wisa' ta' 1.2 metri 'l barra mil-linja tal-bini, sabiex jiġi faċilitat it-*turning circle* tal-vetturi, hekk li vetturi ta' ċertu daqs ma jkollhomx għalfejn jitilgħu fuq il-bankina sabiex iduru mal-kantuniera.

### 5.11.1. *Community Greening Grants* (P/4/27)

5.11.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li Project Green approvaw il-kofinanzjament tal-project li jinvolvi il-wesgħa konfinanti minn Triq l-Etna, Triq l-Għasel u Triq Monsinjur Franġisk Xuereb. Għaldaqstant fil-jiem li ġejjin ser jiġu ndikati xi emendi fil-permess PA 6425/19 sabiex il-proġett ikun eliġibbli taħt l-iskema. Dan ser jaffettwa wkoll it-tfassil tad-dokument tal-offerta.

5.11.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċenna għal informazzjoni li ttellgħet riċentement fil-media soċjali, fejn ingħatat l-impressjoni li dan il-proġett tfassal wara li ħarġu l-iskemi ta' Project Green, meta mhux il-każ.

5.11.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg fakkar li l-perkors ta' dan il-proġett beda lura fl-2013 meta l-Kurja Arċiveskovili ntalbet tgħaddi l-art lill-Kunsill permezz ta' kommodat. Sessegwentement ġiet sottomessa l-applikazzjoni PA 1365/14, li wara ġiet imġedda permezz ta' PA6425/19. Fakkar ukoll li kienet saret kompetizzjoni sabiex jintgħażel id-disinn u fil-fatt il-Kunsill iddeċieda li jaddotta dak sottomess mill-Perit Antoine Zammit. Huwa ppropona li dan kollu għandu jiġi ppubblikat fil-ħarġa li jmiss tal-magazin "Mill-Qiegħa".

5.11.5. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ikkummentat li l-fatti ma jista' imerihom ħadd, iżda huwa mportanti li din l-opportunità ta' finanzjament ittieħdet sabiex il-proġett jitwettaq.

5.11.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.12.1. Asfaltar mill-ġdid tal-parkeġġ fl-Armier (T/4/7/Vol III)

5.12.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li fl-10 ta' Mejju 2023 saret laqgħa li ntalbet mill-Kunill dwar ix-xogħol imsemmi, billi hemm l-intenzjoni li dan jitwettaq matul ix-xhur tas-sajf 2023. Għall-istess laqgħa attendew il-Perit A. Spiteri da parti ta' Infrastructure Malta u għan-naħa tal-Kunsill attendew flimkien miegħu l-Viċi Sindku J. Buttigieg, u s-Segretarju Eżekettiv C. Debono. Id-delegazzjoni tal-Kunsill, għalkemm qablet mal-ħtieġa tal-proġett *per se'*, ma qablitx li dan isir qabel Ottubru 2023, peress li l-inħawi jkunu ffrekwetati ħafna matul ix-xhur tas-sajf.

5.12.3. Il-Kunsill qabel mal-pożizzjoni addottata..

### 5.13.1. Ħatt/Tagħbija ta' merkanzija fi Triq Sammy Bartolo (T/3/2/Vol XVI)

5.13.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li ġie avviċinat minn resident fit-triq imsemmija li lmenta miegħu li vetturi kummerċjali qed jidħlu jew joħorġu b'lura biex jgħabbu jew iħottu fejn is-*service entrance* tas-Solana Hotel. Huwa qal li mhux l-ewwel darba li ntlaqtu vetturi li kienu pparkjati hemm, peress li t-triq hija dejqa. Għaldaqstant kien propost li tali operazzjonijiet jsiru waqt ħinijiet stabbiliti.

5.13.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li mhuwiex daqshekk faċli li l-ħatt u tagħbija tkun limitata għal ċerti biss, iżda possibilment għandu jsir użu minn vetturi kummerċjali ħfief.

### 5.14.1. *International Fireworks Festival* 2023 (A/5/5/Vol VII)

5.14.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għas-suċċess miksub mill-Għaqda tan-Nar Maria Bambina – Mellieħa bil-ksib tal-ewwel post fil-kompetizzjoni msemmija. Huwa ppropona li tingħata tifkira bħala rikonoxximenti tal-Kunsill għal unur li kisbet l-istess għaqda u l-lokalità.

5.14.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

### 5.15.1. PA 9876/19 & PA 1948/20 – Żvilupp mill-ġdid tal-Mellieħa Bay Hotel (P/5/8/G)

5.15.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li fil-11 ta' Mejju 2023 huwa attenda u pparteċipa fis-smiegħ tas-sottomissjonijiet li saru dwar l-iżvilupp imsemmi, fejn huwa tenna l-fatturi li ġibed l-attenzjoni l-Kunsill aktar kmien, ossija:

(a) Li l-*landscaping* jiġi mtarraġ sabiex jitnaqqas l-impatt viżwali tiegħu;
(b) Il-ħarsien ta' xatt-il baħar u l-baħar innifsu mit-tixrid tat-terrapien li jiġi ġġenerat;
(c) L-i*screening* tal-binja minn naħa ta' wara;
(d) Il-possibiltà li jkun hemm aktar spażju għall-ipparkjar;
(e) Il-possibiltà li ma jsirx *batching plant* fuq is-sit.

5.15.3. Is-Sur J. Buttigieg spjega li kemm l-iżviluppatur kif ukoll l-bord tal-Awtorità tal-Ippjanar taw widen għall-punti mqajma u fil-fatt il-*landscaping* ġie modifikat. Kien imwiegħed mill-iżviluppatur li huwa fl-interess tagħhom stess li jiġi konservat xatt-il baħar u l-baħar tal-viċin. L-Bord qabel ukoll li għandu jkun hemm *screening* bis-siġar u għaldaqstant se jsiru kuntatti bejn l-iżviluppatur u l-Kunill sabiex jiġi stabbilit kif dan il-għan jista' jintlaħaq. Kien innutat li bit-tħaddim tal-formola dwar l-ipparkjar, l-iżviluppuri jkun provdew 160 spazju (14 fuq il-limitu li tagħti l-formola). Minkejja dan, iċ-*chairman* talab lill-perit tal-iżviluppatur sabiex ifittex mezzi kif dan jista' jiġi massimizzat fis-sit. Kien spjegat li l-fattur ewlieni fil-formola huwa n-numru ta' kmamar, filwaqt li din teskludi l-impjegati u l-klijenti li jattendu għal attivitajiet li jseħħu fil-lukanda.

5.15.4. Il-Viċi Sindku qal li huwa vvota favur l-iżvilupp, filwaqt li l-vot kien 10 favur u 1 kontra. Huwa aċċenna wkoll li għad trid tiġi determinata r-rotta minnha ser jgħaddu l-vetturi li ser iġorru t-terrapien li jiġi ġġenerat.

5.15.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.16.1. *Speed humps* nieqsa fi Triq Wied Musa u Triq il-Qammieħ (T/4/7/Vol III)**

5.16.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar aċċennat li wara xogħlijiet imwettqa mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u Infrustructure Malta fit-toroq imsemmija, l-i*speed humps* li kien hemm qabel baqgħu ma twaħħlux fil-postijiet fejn kienu qabel.

5.16.3. Il-Kunsill qabel li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-entitajiet konċernati.

**5.17.1. Skema SPI/SCI/03/2023 - Espressjoni ta' Interess - The World Cleanup Campaign 2023 (F/1/7/Vol VII)**

5.17.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna għaċ-ċirkulari msemmija maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fit-13 ta' Marzu 2023 fejn il-Kunsill qed jiġu mħajra jieħdu inizjattivi biex jitnaddfu postijiet aċċessibbli għall-pubbliku bħala parti mil-*World Cleanup Campaign 2023*. L-ammont massimu li jista' jibbenefika l-Kunsill huwa ta' €1,500 inkluż il-V.A.T.

5.17.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir proposta sabiex ikunu organizzati sessjonijiet ta' tindif fl-imsaġar tal-Aħrax bl-involviment tal-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti tal-Mellieħa, flimkien ma' għaqdiet volontarji oħra bbażati fil-lokalità.

**6.1. Manutenzjoni fil-*multi-purpose court* parti mill-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI)**

6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna għas-sejħa għall-kwotazzjonijiet dwar il-manutenzjoni meħtieġa fuq il-faċilità msemmija. Huwa għarraf li fit-22 ta' Mejju 2023 issejħet laqgħa fuq il-post għall-offerenti potenzjali. Minn attenda esprima dubji li s-sors tad-dħul tal-ilma jista' ikun li mhux limitat għall-post fejn twaħħlu l-arbli li jdawwru l-*court*, iżda anke mill-ħitan. Allura qed jarġumentaw li mal-intervent mitlub fil-BOQ, jeħtieġ li jsir intervent fuq il-ħitan ukoll.

6.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li x-xogħlijiet għandhom isiru skont kif ippjanati oriġinarjament mill-perit.

**7.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi-Sindku J. Buttigieg illi tgħid:**

**"Bil-għan li jitjieb is-servizz tat-tindif fiż-żoni urbani tal-lokalità qed jiġi propost illi:**

1. **Il-Kunsill b'mod immedjat joħroġ sejħa għall-offerti biex jingħata kuntratt ġdid li jipprovdi għal dan is-servizz għall-erba' snin li ġejjin;**

2. **Permezz tal-fondi allokati lilu mill-Gvern Ċentrali għal dan il-għan għandhom jiżdiedu l-frekwenzi tal-knis sabiex kull żona ssir darbtejn fil-ġimgħa, skont l-iskeda mmarkata Dok. A, hawn mehmuża;**

3. **Sabiex jintlaħaq dan il-għan, in-numru ta' kenniesa għandu jiżdied minn tnejn għal sitta mqassma skont l-iskeda mħejjija mill-Kunsill hawn murija f'Dok. A.".**

4. **It-tibdil propost għandu jinkludi wkoll it-tindif ta' passaġġi fil-ġonna u *playgrounds* pubbliċi skont kif indikat fl-iskeda mmarkata bħala Dok. B, mehmuża ma' din il-mozzjoni;**

5. **Sakemm jiġi mogħti l-kuntratt il-ġdid, il-Kunsill għandu jidħol fi ftehim mad-Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni sabiex jingħata servizz ta' emerġenza b' mod temporanju, bil-għan li t-tindif fiż-żoni urbani jibqa' għaddej skont l-imsemmija skedi;**

6. **Tiġi stabbilita multa fil-kuntratt il-ġdid fuq kull nuqqas mingħajr ġustifikazzjoni kommess mill-kuntrattur, liema multa titnaqqas direttament mill-pagament ta' kull xahar;**

**Nemmnu li l-miżuri proposti f'din il-mozzjoni għandhom iwasslu għal titjib fit-tindif ta' żoni urbani u jintlaħaq il-livell mixtieq mill-membri kollha ta' dan il-Kunsill u r-residenti tal-lokalità.".** **(T/4/5/Vol IV)**

7.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qrat il-mozzjoni li kienet mfassla flimkien mal-Viċi Sindku J. Buttigieg. Hija tenniet li f'lokalità bħal Mellieħa sit kenniesa għandhom jassikuraw li l-parti urbani tkun aktar milħuqa milli bit-tnejn li kien jipprova l-kuntratt attwali. Hija stqarret ukoll li apparti dan il-kuntrattur attwali lanqas bi tnejn ma kien qed jirrendi servizz skont l-iskedi stabbiliti. Għaldaqstant rat li jsir kuntatt mad-Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni sabiex jinkisbu s-servizzi tagħhom b'mod temporanju sakemm issir sejħa pubblika u jingħata kuntratt ġdid. Hija qalet ukoll li ntalbet stima minghand id-Diviżjoni sabiex dan is-servizz ikun jista' jingħata mill-inqas sat-30 ta' Settembru 2023.

7.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg stqarr li kulma jmur is-servizz sejjer lura u wasal f'punt li jeħtieġ tittieħed xi forma ta' azzjoni. Huwa qal li l-proċedura ndikata fil-mozzjoni għandha tindirizza din is-sitwazzjoni, mingħajr ma l-Kunsill jabdika mir-responsabiltà mogħtija lilu f'dan ir-rigward mill-gvern ċentrali. Huwa qal li fil-każ tal-kuntratti dwar it-tindif tat-toroq mhux urbani li ngħataw riċentement, saru sforzi simili, li wasslu għal titjib sinifikanti fil-livell tas-servizz.

7.4. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li flimkien mal-kelliema qabel huwa għaddej bix-xogħol fuq it-tħejjija tas-sejħa għall-offerti li ser tipprovdi għal:

- Rotot riveduti dwar tindif ta' toroq, turġien u passaġġi fil-ġonna u l-*playgrounds* bi frekwenza ta' mill-inqas darbtejn fil-ġimgħa;
- Ix-xogħol isir permezz ta' sitt kenniesa li wieħed minnhom, minbarra r-rotta tiegħu jrid jara li jikkordina x-xogħol mal-ħamsa l-oħra, u jservi ta' punt ta' referenza għar-rappreżentant tal-Kunsill;
- Isir tnaqqis ta' 1% mill-kont tax-xahar għall-kull *default notice* li ma tiġix issostanzjata b'ġustifikazzjoni soda;
- Ħtieġa li mal-kontijiet jiġu sottomessi ċerti rapporti li jinkludu ċ-*chits* tal-Wasteserv bil-piż tal-iskart li jittieħed għandhom; u

- Ir-rotot tal-kenniesa jkunu segwiti *real time* u r-rapporti relativi jridu jiġu sottomessi mal-kont, bħala verifika li jkunu saru.

7.5. Il-Kunsill approva l-mozzjoni b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsill R. Bartolo Cutajar.

**8.1. Introduzzjoni ta' leġiżlazzjoni separata dwar l-istazzjonar ta' *caravans* fuq bażi nazzjonali u lokali** **(B/5/Vol IV)**

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li ssejħu żewġ laqgħa ta' konsultazzjoni mill-Ministri tal-Kultura, l-Arti u Gvern Lokali, dak tat-Turiżmu, u s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Gvern Lokali, fit-2 u t-23 ta' Mejju 2023. Fl-ewwel waħda, il-kunsilli rappreżentati ġew mitluba jindikaw siti li jistgħu jintużaw bħala *caravan sites* temporanji, u dakinhar issemmiet l-art tal-Qortin it-Twil abbażi tar-rappreżentazzjonijiet li kienu saru ma' Infrastructure Malta dwar applikazzjoni li dawn kienu għamlu mal-Awtorità tal-Ippjanar. Fit-tieni laqgħa ġew ippreżentati żewġ abbozzi ta' regolamenti dwar il-ħruġ ta' permessi għall-istazzjonar ta' *caravans*. Waħda tittratta linja ġenerali li tapplika għal-lokalitajiet kollha, u oħra bbażata fuqha, però tapplika biss fuq bażi lokali.

8.3. Is-Sur C. Debono spjega li l-avviż legali jitkellem fuq termini ġenerali li fuqhom għandhom ikunu msejsa l-*bye-laws* lokali li jirriflettu l-esiġenzi lokali. Dawn it-tnejn flimkien jinvolvu:

- It-tneħħija tad-distinzjoni bejn "*Caravan*" u "*Camper*";
- Il-permessi jistgħu jinħarġu għall-perjodu massimu ta' sebat ijiem, bejn l-1 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru;
- Il-*bye-laws* ġenerali jipprovdu wkoll li l-Kunsill jista' joħroġ permess għall-ġurnata waħda biss f'postijiet li mhumiex inklużi fl-Ewwel Skeda. Fil-każ tal-Mellieħa, l-iskeda tinkludi biss l-art ta' Qortin it-Twil;
- F'postijiet oltre dak ta' Qorti il-Twil, il-*caravans* ma jistgħu jiġu stazzjonati f'distanza ta' 15-metru mill-kosta;
- Il-*caravan* irid jinġieb fuq il-post mhux qabel id-9:00am u jitneħħa sa mhux aktar tard mid-9:00pm;
- Fil-*caravan* jistgħu joqgħodu sa erba' adulti, u żewġ adulti u t-tfal fil-kostodja tagħhom;
- Is-Sidien tal-*caravans* għandhom iżommu boroz għall-iskart;
- Il-ħlas għall-permess ser ikun €10 kuljum u min jinqabad mingħajr permess jeħel ammenda ta' €100 u €50 għal kull jum li tkompli l-offiża, sa' massimu ta' €500;
- Il-*bye-laws* ma japplikawx fir-rigward ta' artijiet tal-Gvern fejn għaqdiet tas-sidien tal-*caravans* għandhom ftehim fis-seħħ mal-awtorità kompetenti.

8.4. Is-Sur C. Debono kompla jgħid li sabiex l-art tal-Qortin it-Twil titqies bħala sit magħżul għall-istazzjonar ta' *caravans*, jeħtieġ ikunu koperti bil-permess maħruġ bil-proċedura tad-*Development Notification Order.*

8.5. Saret referenza għal imejl datat 29 ta' Mejju 2023, fejn il-Leisure Team *Caravan* Association appellat sabiex il-Kunsill ikompli jonora il-'*gentleman's agreement*' li kien hemm biex huma jistazzjonaw il-*caravans* tagħhom fil-Qortin it-Twil.

8.6. Il-Kunsill kien tal-fehma li ma kien hemm ebda ftehim dwar l-użu ta' din l-art lill-Awtorità tal-Artijiet u għaldaqstant m'hemm xejn x'iżomm li l-art fiż-żona tal-Qortin it-Twil issir bħala

tintgħażel bħala sit għall-istazzjonar tal-*caravans*. Kien hemm qbil ukoll li dan għandu jkun l-uniku sit magħżul fil-lokalità fejn jistgħu jinħarġu permessi minkejja li l-abbozz tal-avviż legali jagħti dan il-poter.

8.7. Il-Kunsill approva t-test tal-*bye-laws* lokali dwar l-istazzjonar tal-*caravans*.

**9.1. Żviluppi dwar il-parkeġġ ippjanat taħt l-estensjoni tal-Iskola Primarja (S/3/1/1)**

9.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għal laqgħa li saret mal-Kap Eżekuttv tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada – Dr Neville Young. Għall-istess laqgħa attendew flimkien miegħu, is-Sindku D. Vella, il-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Huwa spjega li l-istess laqgħa ġiet komunikata l-intenzjoni tal-fondazzjoni, li l-parkeġġ ippjanat taħt l-estensjoni jibqa' b'żewġ livelli skont il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar. Intqal ukoll li hija fil-pjanijiet tal-fondazzjoni li l-binja tal-iskola eżistenti titwaqqa u taħtha jsir parkeġġ ieħor.

9.3. Il-Kunsillier E. Bartolo ċċara li l-binja eżistenti mhijiex stabbli fis-sens li mhux diżinjata li tieħu aktar sulari fuqha, għalkemm hija sikura fl-istat attwalment tagħha. Kompla jgħid li x-xogħol jista' jibda bil-permess eżistenti, filwaqt li l-parkeġġ addizzjonali li qed jinsisti għalih il-Kunsill ikun jista' isir taħt il-parti li trid titwaqqa' li tinkludi wkoll il-parti fejn hemm is-sala. Skont tagħrif mogħti mis-Sur Young, ix-xogħol fuq l-estensjoni mistenni jibda dalwaqt bit-tqattiegħ tal-blat sabiex f'Settembru 2024 tibda l-kostruzzjoni. Fil-frattemp it-tfal jistgħu jibqgħu jużaw l-iskola eżistenti.

9.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ikkummenta l-ikbar problema hija r-rijallokazzjoni tat-tfal fi klassijiet mobbli, illi fil-Mellieħa mhemmx post fejn jistgħu jitpoġġew. Huwa qal li għandu riżervi dwar dak li qed jintqal mill-fondazzjoni għaliex tidher li hija skuża sabiex ma titwettaqx il-proposta li ressaq il-Kunsill li tinvolvi parkeġġ b'erba' livell minflok tnejn. Dan ser jipposponi għal diversi snin il-possibiltà li jsir parkeġġ illi joffri spażju adekwat.

**10.1. Sejħa għall-Offerti MLC 3/2023 – Tisbiħ tat-taraġ pubbliku fi Triq il-Madonna tal-Għar (P/4/17)**

10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li s-sejħa msemmija għalqet fit-22 ta' Mejju 2023 u r-rispons għaliha kien kif jidher hawn taħt:

| Offerent | Prezz mingħajr il-VAT |
|---|---|
| North2South Ltd | €227,982.25 |
| Luxury Builders Ltd | €119,139.07 |

10.3. Il-Kunsill qabel li l-offerta teknika rispettiva għandha tiġi mgħoddija lill-perit inkarigat għar-rapport tiegħu qabel is-sottomissjonijiet li saru jiġu kkunsidrati mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni.

**11.1. Tħejjijiet għall-attivitajiet ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ u għall-Iljieli Melleħin (A/5/5/Vol IV)(A/5/3/5/Vol V)**

11.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna li l-ebda waħda mill-attività msemmija ma huma ser jibbenefikaw mill-iskema dwar attivitajiet kulturali u għaldaqstant iridu jiġu sostnuti mill-fondi ordinarji tal-Kunsill. Huwa aċċenna li l-budget għall-attività ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ huwa €5,500, filwaqt li dak tal-Iljieli Melleħin huwa €33,000.

11.3. Is-Sindku D. Vella wera ritratt tal-pjattaforma tal-ħadid li ser tintuża għall-Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ fit-22 ta' Ġunju 2023. Huwa għarraf li l-poster tal-Ijieli Melleħin 2023

tlesta u ġie ppubblikat, filwaqt li għaddej xogħol fuq il-kontenut tat-tliet serati skedati għat-28, 29, u 30 ta' Lulju 2023.

11.4. Kien hemm qbil ukoll li materji li jinqalgħu marbuta mal-Iljieli Mellieħin għandhom jiġu trattati f'laqgħat informali bejn s-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, il-Kunsilliera A. Brincat Stellini, is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, u l-uffiċjali M. Gambin u P. Caruana.

**12.1. Rendikont Finanzjarju – Jannar – Marzu 2023** **(F/1/1Vol IV)**

12.2. Is-Segretarju Eżekuttiv stqarr li d-dħul tal-Kunsill matul il-perjodu Jannar/Marzu 2023 kien jammonta għal €363,107, li jikkonsisti f'€335,330 bħala Allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali, €20,047 bħala ħlasijiet relatati ma' attivitajiet li jeħtieġu l-ħruġ ta' permessi mill-Kunsill Lokali, u €7,338 kienu relatati mal-Infurzar tal-Liġi u dħul ieħor.

12.3. Il-valur tal-Assi Kurrenti żdied b'€11,792 meta mqabbel mat-tliet xhur ta' qabel u kien ta' €2,120,316. Dawn kienu jikkonsistu f'*Cash and Cash Equivalents* li jammontaw għal €2,006,343, Inventarji (*Stocks*) €12,874 u ammonti riċevibbli li ammontaw għal €101,099.

12.4. L-Obbligazzjonijiet Kurrenti Netti naqsu minn €746,690 għal €589,796 Dawn kienu magħmula kollha minn Ammonti Pagabbli.

12.5. In-nefqa għall-perjodu kopert bir-rapport tammonta għal €351,469 u kienet magħmula minn €46,050 fuq Emolumenti Personali, €215,901 fuq Operazzjonijiet u Manutenzjoni, €9,913 fuq l-Amministrazzjoni, filwaqt li Deprezzament fuq assi fissi ġie kkalkulat għal €79,605.

12.6. Mill-bidu tas-sena rriżulta *surplus* ta' €11,638. Meta wieħed iqis dawn il-fatturi kollha, l-jirriżulta f'żieda fl-Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja ta' 13% fuq it-trimestru preċedenti u laħaq il-120%.

12.7. Il-valur fiss tal-assi mixtrija minn Jannar permezz ta' fondi ordinarji tal-Kunsill, kif ukoll permezz ta' għotjiet, kien jammonta għal €125,186, filwaqt li l-valur nett tad-disponimenti ma kien hemm xejn. L-ispiża tax-xiri tal-Assi Permanenti kollha akkwistati mill-Kunsill kienet ta' €12,860,497, li kellha valur nett fuq il-kotba ta' €1,788,057 sa tmiem il-perjodu kopert bir-rapport.

12.8. Il-Kunsill approva l-kontenut tar-rapport u l-ispjegazzjoni li saru. Ġie maqbul ukoll li dan għandu jittellgħa fis-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/PublicationsList/Quarterly%20Financial%20Report_2_2021.pdf

**13.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

13.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Xiri datata 25 ta' Mejju 2023. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

13.3. Tressqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash,* bejn l-4 ta' April u t-22 ta' Mejju 2023.

13.4. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn it-22 ta' April u l-25 ta' Mejju 2023.

13.5. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bil-permess ta' dawk preżenti, is-seduta spiċċat fl-10:15 pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 27 ta' Ġunju 2023 fil-5:30 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**